# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018**

**Numru 3**

**Rikors numru 95/2018 fl-atti**
**taċ-ċitazzjoni numru 1196/1989**

**Alfred Mallia, Giuseppa Azzopardi mart Martin Azzopardi, Carmelo Vella, Giuseppe Vella, Joseph Grima, Bartolomew Grima, Carmel Grima, Carmelo Attard u Joseph Grima (magħruf bħala *Ta' Lazzru*); u b'digriet tat-13 t'Awissu 1991 Brian Abela assuma l-atti minflok Alfred Mallia; u b'nota tas-16 t'April 2009 Martin Vella assuma l-atti minflok l-attur Giuseppe Vella li miet waqt li miexja l-kawża u Emanuel Attard assuma l-atti tal-kawża minflok l-attur Carmelo Attard li miet waqt li miexja l-kawża**

***v.***

**Alex Vella, President tal-Każin *Santa Marija* tal-Mosta, Victor Grech, Segretarju, Alfred Magri, kaxxier, u Joseph Agius, Charles Bonello, Ray Bonavita, Charles Caruana u Joseph Mangion membri tal-istess Każin; u Joseph Cachia Fearne *Chairman* tal-*Planning Area Permits Board*, Joe Pirotta, Godwin Cassar, Dennis De Lucca, Joe Spiteri, Anton Valentino, Tony Mifsud, Natalino Fenech u Tony Cassar għan-nom tal-istess *P.A.P.B.*; u b'nota tas-6 ta' Mejju 2011, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (illum il-Ministru għat-**

**Trasport u l-Infrastruttura) assuma l-atti tal-kawża minflok il-konvenuti Joseph Cachia Fearne, Joe Pirotta, Godwin Cassar, Dennis De Lucca, Joe Spiteri, Anton Valentino, Tony Mifsud, Natalino Fenech u Tony Cassar għan-nom tal-istess *P.A.P.B.*; u b'digriet tas-17 ta' Ġunju 1991 issejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tad-19 ta' Novembru 2013 Perit Chris Grech, Eric Frendo u Raymond Bonavia rispettivament President, Segretarju u Kaxxier tal-Każin Santa Marija tal-Mosta, assumew l-atti tal-kawża minflok Alex Vella, Victor Grech, Alfred Magri, Joseph Agius, Charles Bonello, Ray Bonavia, Charles Caruana u Joseph Mangion**

Il-qorti:

rat ir-rikors tal-konvenut Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura u tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija tal-21 ta' Marzu 2018, u rat ukoll it-tweġiba tal-atturi tal-10 ta' April 2018;

rat illi s-sentenza li qiegħda tintalab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tagħha sakemm tinqata' t-talba għar-ritrattazzjoni tal-appell hija sentenza dikjaratorja u ma fiha ebda ordni, ħlief dak relattiv għall-ispejjeż;

għalhekk, ħlief għall-ħlas tal-ispejjeż – li ċertament ma joħloq ebda preġudizzju gravi – is-sentenza ma teħtieġx esekuzzjoni ulterjuri;

tqis, għalhekk, illi t-talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza hija inutli;

tqis ukoll illi, ladarba l-interess tal-atturi fil-kawża kien dak li jiġi evitat perikolu, dan l-interess f'kull każ jegħleb il-preġudizzju li jistgħu jġarrbu l-konvenuti rikorrenti:

Għaldaqstant tiċħad it-talba magħmula bir-rikors tal-21 ta' Marzu 2018.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallsuhom ir-rikorrenti Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Pulizija flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df